MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2007

Numru 466/2006

**Il-Pulizija**
**(Sp. Dennis Theuma)**

**v**

**Alfred Borg ta' 57 sena iben Carmel**
**u Carmela nee Micallef imwieled**
**Qormi fit-28 ta' Marzu, 1948,**
**Residenti Norcynthjos, Flat 8, Triq Ananija,**
**San Pawl il-Bahar bin-numru tal-identita'**
**362048 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Alfred Borg li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fis-6 ta' Novembru, 2000 u fiz-zmien ta' qabel b'diversi azzjonijiet maghmula minnu

anki jekk fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizjzonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda;

(1) bhala detentur ta' fond "Ritfred" sitwat fi Triq Karm Sammut B'Kara jew bhala persuna li kellu f'idu l-imsemmi fond, b'mezzi qarrieqa kkommetta serq ta'kurrent elettriku minn meter tad-dawlli jinsab fl-imsemmi fond ghad-dannu tac-Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur li huwa iktar minn Lm 100 izda ma jeccedix Lm 1000 u dan kollu bi ksur tal-artikoli 263(a), 264, 267 u 270 rispettivament tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(2) U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi ghamel hsara fil-makkinarju u gumni ta' l-elettriku jew ikkaguna telf ta' kurrent tal-elettriku, u fl-ahhar talli ghamel hsara jew gharraq xi apparat jew parti mill-meter tal-elettriku jew sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew gumni uzati fil-provvista tal-elettriku jew sigilli taghhom u dan kollu bi ksur tal-artikolu 326(1)(c)(f) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija l-Qorti giet ukoll mitluba tikkundanna lill-imputat ihallas lir-registratur ta' l-ispejjez kollha jew ta' parti mill-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, inkluz dawk ta' l-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal ta' l-inkjesta, f'dak iz-zmien u f'dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni ai termini tal-artikolu 533 (1) tal-kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Rat l-atti kollha tal-kawza.**

**Semghet ix-xhieda ta' Alan Chetcuti, rapprezentant ta' l-Enemalta, illi wara spjegazzjoni li ta dwar stima zbaljata, esebixxa rinunzja fil-konfront ta' l-ewwel akkuza u ghalhekk f'dan ir-rigward qed tiddikjara procediment ezawrit.**

**Fil-konfront tat-tieni akkuza, l-istess Alan Chetcuti xehed li l-Enemalta hija sodisfatta bil-hlas tal-hsarat ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25).**

**Rat il-fedina penali ta’ l-istess Alfred Borg u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-llum wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kap 446 u l-Artikolu 326 tal-Kap 9.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------